**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Vincent Zammit iben Salvu u Virginia xebba Cachia, li joqghod 7, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 60051(G)**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli ghal dawn l-ahhar xhur fi Triq Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex, (1) zamm scrapyard ta' karozzi qodma minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija (2) aktar talli zamm l-istess karozzi qodma f'area li tidher mit-triq u li b'mod jew iehor qieghed ihassar u jkerrah l-ambjent, (3) aktar talli fl-istess zmien ikkommetta vjolazzjoni fil-proprjeta ta' George Bugeja b'ingombru, zamma ta' sustanza perikoluza f'post mhux licenzjat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena stabbilita mill-istess Onorabbli Qorti tordna lill-hati biex inehhi l-inkonvenjent fi zmien sufficjenti moghti lilu ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mill-Qorti u jekk il-hati jonqos jesegwixxi din l-ordni fi zmien lilu moghti, jehel piena ta' ammenda ta' mhux izjed minn zewg liri ghal kull gurnata li l-kontravenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fejn jirrizulta illi l-imputat donnu jqis ruhu 'l fuq mill-Ligi billi holoq 'scrapyard' ghax hekk jidhirlhu. Oltre dan ix-xhieda kkonfermaw illi l-ammont ta' vetturi zdiedu bejn differiment u iehor ta' din il-kawza;

Il-Qorti ghalhekk issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 338 (gg) u 340 (d) tal-Kap9 u 3 u 9 tal-Kap 206;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50) u tobbligah jirrimovi l-ingombru fi zmien xahar mil-lum fuq penali ta' hames liri Maltin (Lm5) kull jum fin-nuqqas.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur